# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 28 ta' Novembru 2024**

**Nru:1**

**Rikors Ġuramentat Nru. 369/2023**

## GETEC Impianti Srl

**v**

## FM Core Limited

**Daħla**

1. GETEC Impianti Srl ("Getec") kienet tqabbdet minn FM Core Limited ("FM Core") bħala sub-appaltatur b'konnessjoni ma' appalt li FM Core kellha ma kumpannija oħra. Getec ressqet din il-kawża biex titlob bilanc ta' €132,690.07 li, fir-rikors ġuramentat, qalet li għadu dovut lilha.

2. FM Core irrispondiet li mhux talli m'għandhiex tagħti l-ebda bilanċ lil Getec, iżdi li hi Getec li għandha tagħti lil FM Core għaliex, skont FM Core, sakemm sar il-kejl finali tax-xogħol eżegwit, hi kienet laħqet ħallset aktar milli kien dovut. Fil-fatt, FM Core ressqet kontro-talba biex jiġi dikjarat li Getec hi debitriċi ta' FM Core fl-ammont ta' €127,578.40 eskluż il-VAT, u biex Getec tiġi ordnata tħallas dak l-ammont lil FM Core.

**L-*iter* proċesswali fil-qosor**

3. F'Jannar 2022, Getec kienet ressqet talba – li ġie milqugħa - għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra FM Core għall-ammont mitlub fir-rikors ġuramentat. Kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet biex il-mandat jitneħħa, b'dan li l-pożizzjoni tagħhom fil-mertu baqgħet impreġudikata.

4. Ir-rikors ġuramentat kien tressaq fl-4 ta' April 2023. Ir-risposta u l-kontro-talba tressqu fit-18 ta' Mejju 2023 u ġew notifikati kif jirriżulta f'paġni 38 u 39. Risposta għall-kontro-talba ma tressqitx u għalhekk Getec ġiet dikjarata kontumaċi fir-rigward tal-kontrotalba.

5. Getec ressqet 'nota' fl-4 ta' Awwissu 2023 li fiha Getec 'talbet' ordni ta' ħlas skont ir-rikors ġuramentat. Il-qorti talbet spjegazzjoni tal-import legali ta' din is-suppost nota, li kellha tingħata tal-20 ta' Novembru 2023. Dina l-ispjegazzjoni ma ngħatatx sad-data mogħtija. Tressqet minflok nota tardiva fil-15 ta' Jannar 2024, li xorta ma spjegat xejn. B'ordni proċedurali tas-16 ta' Jannar 2024, Getec ingħatat il-fakultà li tressaq il-provi tagħha, iżda din ukoll ġiet injorata. Il-provi tagħha ġew dikjarati magħluqa fis-7 ta' Marzu 2024.

6. Fl-istess data, FM Core ingħatat terminu biex tressaq il-provi tagħha, liema terminu ġie osservat. L-istadju tal-provi, anki dwar il-kontro-talba, ġie dikjarat magħluq fl-20 ta' Ġunju 2024 u l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum bl-opportunità li jitressqu noti skont l-iskeda fil-verbal tal-20 ta' Ġunju 2024.

7. Permezz ta' nota tat-30 ta' Settembru 2023, Getec ċediet 'l-kawża għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, u dan speċifikament sabiex l-istess jkunu jistgħu jirregolaw ruħhom'.

8. B'digriet kamerali tat-2 ta' Ottubru 2024 il-qorti ddeċidiet li tieqaf milli tkompli tqis il-kawża u ordnat li kellha titneħħa minn fuq il-listi. B'digriet ieħor kamerali tal-4 ta' Ottubru 2024 il-qorti, wara li rat li hemm kontro-talba, qieset li d-digriet tat-2 ta' Ottubru 2024 kellu japplika biss għar-rikors ġuramentat u li, inkwantu l-istess digriet deher li kien japplika ukoll għall-kontro-talba, id-digriet kien revokat. Ukoll revokata kienet l-ordni li l-kawża titneħħha minn fuq il-listi.

9. Din is-sentenza hi għalhekk limitata għall-kontro-talba ta' FM Core.

**Il-provi li jsostnu l-kontrotalba**

10. FM Core ressqet affidavits ta' Edward Cauchi, Jonathan Mulligan, Joseph Camilleri u Patrick Carey, u dokumentazzjoni kopjuża.

11. Joseph Camilleri hu *building services consultant* ma MTS Consulting Limited, kumpannija li tidher li hi indipendenti minn FM Core u li tqabbdet minn FM Core biex tħejji disinji, *bills of quantities* u superviżjoni tas-sit waqt li kienu qed isiru x-xogħolijiet. Aspett ieħor ta' xogħolu kien li jivverika l-kontijiet ta' Getec bħala sub-appaltatur ta' FM Core. Jgħid, fost affarijiet oħra, li meta tlesta x-xogħol ta' Getec, din ħarġet kont finali, u hu kien inkarigat biex jivverika l-kont. Wara li kejjel, ħareġ iċ-ċertifikat finali, Dok JC1, li hu mehmuż mal-affidavit tiegħu. Dan kien inħareġ wara li kien hemm ukoll diskussjonijiet ma Getec, billi kien hemm diskrepanzi żgħar u billi Getec ma kienux qablu għal kollox mal-pożizzjoni tas-sur Camilleri. Id-diskussjonijiet ma jidhirx li wasslu għal ftehim sħiħ, iżda fl-aħħar mill-aħħar is-sur Camilleri ħareġ iċ-ċertifikat kif deherlu li kellu jinħareġ u allura dan jirrappreżenta s-sejbien finali tiegħu, li mhux bilfors kienu qed jaqblu miegħu Getec. Skont il-kalkoli finali tiegħu, il-valur tax-xogħol li għamlet Getec kien fl-ammont ta' €1,212,904.73 eskluż il-VAT.

12. Din ix-xhieda hi ċara, dokumentata u ma ġietx kontradetta u tidher li hi għal kollox indipendenti (mhux li din hi konsiderazzjoni meħtieġa, imma tissemma' għaliex tagħmel ix-xhieda iktar kredibbli). Ukoll, din ix-xhieda hi kkonfermata minn dik ta' Patrick Carey, *managing director* ta' MTS Consulting Ltd.

13. Ix-xhud Jonathan Mulligan hu *Assistant Financial Controller* ta' FM Core. Ix-xhieda tiegħu – sostnuta b'dokumentazzjoni (FMC01 u FMC02) - hi li FM Core ħallset lil Getec total ta' €1,402,975.55 li minnhom €60,274.31 jirrapreżtaw VAT. Billi, skont iċ-ċertifikazzjoni tal-MTS, Getec kellha titħallas €1,212,904.73 eskluż il-VAT, jiġi li Getec tħallset €129,768.51 iktar milli kellha titħallas.

14. Din ix-xhieda ukoll hi ċara u ma ġietx kontradetta. Mhix indipendenti imma, kif ġja ntqal, din mhix konsiderazzjoni meħtieġa. Ma hemm ebda raġuni għalfejn is-sur Mulligan m'għandux jitwemmen.

15. Jingħad ukoll li dak li ngħad minn dawn ix-xhieda hi sostnuta minn dik ta' Edward Cauchi, sa fejn twassal ix-xhieda tiegħu.

16. Il-qorti għalhekk tqis il-kontrotalba ppruvata u sejra tgħaddi biex tilqagħha sa fejn tista' (għaliex it-talba hi għal ammont ftit inqas mill-ammont li rriżulta li tħallas żejjed)

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddkjara illi Getec hija debitrici ta' FM Core fl-ammont ta' €127,578.40; u tordna Getec thallas lil FM Core is-somma ammont ta' €127,578.40.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż, kontra Getec.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur